**Guido Lanfranco** jwassal tagħrif dwar ...

# Il-Vari u l-Arti Plastika



*L-istatwa ta' San Pawl u San Publiju fuq il-Fosos tal-Furjana nhar it-23 ta' Ġunju 1960. (Ritratt - Tony Terribile)*

Kull meta jkun hemm manifestazzjoni f'xi okkażjoni speċjali politika, reliġjuża jew tal-familja, in-nies jinġabru flimkien biex juru li japprezzaw l-għan li għalih ikunu ltaqgħu. Okkażjonijiet speċjali jistgħu jkunu ta' ferħ jew ta' niket għax ferħ maqsum bejn ħafna nies isir ferħ akbar u daqshekk ieħor id-dispjaċir jiċkien. Għal bosta mill-okkażjonijiet pubbliċi jsir armar efemeru, jiġifieri għall-okkażjoni u li jiżżarma jew jinħatt wara l-manifestazzjoni.

## Makkine

Armar efemeru jista' jkun biex jibqa' wieqaf sakemm jiżżarma (eżempju: is-sepulkru tal-Imdina, u ta' Bormla, arki trijonfali għal San Publju fil-Furjana, f'San Ġużepp u Korpus fir-Rabat, gruppi ta' statwi fuq kolonni fit-toroq, xenarji tridimensjonali, dijoramiċi jew tableaux, fuq il-palk u l-kumplament). Armar ieħor efemeru jkun magħmul biex jinġarr (eżempju: *floats* tal-karnival, politiċi u devozzjonali). Dawn kollha kienu l-aktar popolari u joffru spettaklu fis-sekli sbatax, tmintax u dsatax, u kienu jissejħu makkine (*macchine*). Għal dawn ix-xogħolijiet artistiċi kienu jitqabbdu jaħdmu artisti, periti, u nies oħra ta' snajja' differenti, bħal pitturi, statwarji, mastrudaxxi, ħaddieda, ħajjata, żebbiegħa, dekoraturi u oħrajn li, flimkien, jipproduċu xogħol mill-aktar sabiħ.

Fil-proċessjonijiet tal-knisja u f'defile' tal-kavallieri kemm-il darba kellhom aktar minn vara jew makkina waħda. Vara ma tfissirx bilfors statwa. Il-kelma vara tfisser dik il-ħaġa li tinġarr proċessjonalment. Billi f'dan il-qosor ta' kitba ma nistgħux nidħlu fl-istorja kollha ta' dan is-suġġett interessanti, ngħidu biss li ċerti statwi vari kienu jkunu ras, idejn u saqajn li jitwaħħlu ma' korp qisu trajbu kbir tal-ixkora mimli b'injam u bit-tiben meta tasal l-okkażjoni. Hawn Malta kien hawn minn dawn fl-imgħoddi, bħal tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Birgu, San Lawrenz tal-Birgu, San Nikola tas-Siġġiewi u oħrajn.

Fis-seklu għoxrin drajna naraw statwa waħda vara fil-proċessjonijiet, għalkemm id-Dumnikani joħorġu dik ta' San Duminku mal-Madonna tar-Rużarju. Meta bdew jonqsu l-istatwi li jiżżarmaw, l-istatwi vari li bdew joħorġu fil-proċessjonijiet kienu maħdumin fl-injam minn skulturi akkademiċi magħrufin, imma dawn il-vari kienu jkunu tqal. Meta l-proċessjonijiet bil-vari bdew isiru aktar popolari fis-seklu dsatax, bdew jinħadmu aktar

statwi tal-"kartapesta" mill-istatwarji biex ikunu aktar ħfief u wkoll irħas fil-prezz.

## Vari tal-"kartapesta"

Jidher li minn tal-ewwel li beda jaħdem bil-"kartapesta" f'Malta kien Saver Laferla fis-snin erbgħin tas-seklu dsatax. Il-vari magħmulin tal-injam, kif ukoll l-istatwi tal-irħam jew tal-ġebel kienu klassifikati aktar bħala skultura tal-akkademika, filwaqt li dawk maħdumin mill-kartapesta kienu jaqgħu taħt arti plastika għall-użu popolari u kienu maħdumin mill-istatwarji tal-istess kategorija li fl-imgħoddi li semmejna kienu jaħdmu fil-makkine, xenarji u xogħol ieħor li jiżżarma jew jintrefa'.



*Portrait ta' Wistin Camilleri, xogħol ibnu l-Kav. Paul Camilleri Cauchi.*

Kulħadd sema bl-istatwarju Karlu Darmanin li ħadem mijiet ta' statwi u vari ta' kull xorta, għal ġol-knejjes, għall-proċessjonijiet u għat-tiżjin tat-toroq. Pariġġu kien hemm l-istatwarju Wistin Camilleri li wkoll ħadem tant xogħol għall-istess skopijiet, iżda li kien aktar jaħdem fuq ix-xaqliba ta' Għawdex. Dawn it-tnejn nistgħu ngħidu li kienu l-aktar statwarji prolifiċi li kellna fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u komplew fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin.



*Karlu Darmanin li miet mitt sena ilu.*

Għalkemm fost il-familja Darmanin kien Karlu l-aktar wieħed li jissemma, madankollu l-qraba tiegħu kienu jaħdmu bħala grupp, u fosthom jissemmew Giovanni u Ġlormu. Il-bażi ta' xogħolhom fil-bidu kien l-irħam, għax kienu marmisti u lapidarji. Bħala eżempju għadna nistgħu naraw plakek tal-irħam kulurit interzjat tal-marmista Giovanni li jinsabu fil-kappella tal-Madonna tal-Għar għand id-Dumnikani tar-Rabat, u lapida kommemorattiva minn Ġlormu li tinsab f'passaġġ qrib is-sagristija tal-knisja ta' San Pawl tal-Belt. Ġlormu ħadem kemm bħala marmista, kif ukoll bħala statwarju. Ulied Wistin Camilleri, Alfred u Michael, komplew it-tradizzjoni ta' statwarji u Paul kompla bil-pittura devozzjonali.

Għaliex qed nuża l-kelma "statwarju" u mhux "skultur"? Il-kelma skultur sikwit tintuża ħażin. Skultur huwa wieħed li jiskolpi, jiġifieri juża diversi għodod u skriepel biex inaqqax u jkisser materjal solidu bħal injam, ġebel u rħam biex joħroġ statwa jew dekorazzjoni. Hemm żewġ tipi ta' skulturi: dawk dekoraturi li jaħdmu fil-ġebel jew injam biex jiddekoraw ħitan, gwarniċuni u kolonni bl-iskultura u dawk li joħolqu l-istatwi, tal-injam jew tal-ġebel, bħal Gafa', Ġerada, Borg u oħrajn. Fil-kotba numerużi stampati barra u Malta dwar l-arti tal-iskultura, rarissmu jirreferu għal xogħol tal-kartapesta jew plastika tal-istatwarji.



THIS WAS CARVED -

Mr. George Borg, the well-known Maltese sculptor, has succeeded in carving this beautiful statue, seven feet high, of St. Sebastian, out of a solid block of yellow pine. The statue is to be placed in the Parish Church of St. Sebastian at Qormi.

-FROM THIS

Mr. Borg, who is thirty-two years of age, gained the Malta Scholarship, the Calderon Prize and the Diploma of the Regia Accademia di Belle Arti, in three instead of the usual four years. Among his many works are the busts of Lord Strickland, Sir Arturo Mercieca and Sir William Fisher. Mr. Borg first studied at the Malta Government School of Modelling.

*Times of Malta (17 ta' Diċembru 1938), tiddefinixxi lil Ġorġ Borg bħala l-iskultur magħruf li minn zokk solidu ħoloq l-istatwa titulari tal-Parroċċa tagħna.*

Għal dawk li jagħmlu l-istatwi tal-ġebel u tal-injam iebes jew ukoll li jagħmluhom bit-tafal biex fl-aħħar jinħadmu fil-bronż, għalihom tintuża l-kelma skulturi u l-preparazzjoni tagħhom tkun differenti minn dik tal-istatwarji tal-arti plastika.

## L-arti plastika

L-istatwarji jaħdmu b'teknika li fl-imgħoddi kienet magħrufa aktar bħala arti "plastika". Il-kelma "plastika" tfisser arti li fiha tifforma x-xogħol b'idejk billi tonqox u tkisser bil-għodda minflok tiskolpi fis-solidu. Fl-arti plastika, il-materjal li tuża tagħtih il-forma int billi żżid, tnaqqas, tgħaffeġ, tiġbed, ittaqqab u ssodd. Il-materjal li jidħol fl-arti plastika jista' jkun minn kollox. F'xogħol imdaqqas, l-artist l-ewwel jibni qafas bl-injam, wajer, vireg biex ikollu l-għamla u d-daqs ġenerali. Ma' dan il-korp prinċipali jgħaqqad ir-ras, l-idejn u s-saqajn li jkun ħadem separatament, imbagħad jimla fejn hemm bżonn bil-karti, serratura bil-ġibs u l-kolla. Wara jlibbes biċ-ċraret mgħaddsin fil-ġibs u kolla. Fl-aħħar jirfina bil-ġibs u jiżbogħ kif ikun hemm bżonn.



*Eżempju ta' arti plastika li nsibu fl-armar. Xogħol l-artist Michael Camilleri Cauchi.*

Meta kienu jitkellmu dwar statwi magħmulin b'dan il-mod, fl-imgħoddi kienu jużaw l-espressjonijiet 'arti plastika', 'materjal plastiku', 'kompożizzjoni' u 'kartapesta'. Għalkemm tintuża l-kelma 'kartapesta', mhux bilfors li l-artist juża l-karti biss, anzi jista' ma juża xejn karti. Xi drabi, l-aktar f'xogħol mhux kbir wisq, kien jippreferi jaħdem bil-ġibs verġni. L-ewwel kien jagħmel statwetta, li taf kienet tkun ukoll tat-tafal, jieħu l-forma fuqha bil-ġibs, u din il-forma sservih biex biha jagħmel għadd ta' statwetti kollha l-istess. Dan ix-xogħol u metodu ma japplikax għall-iskultur tal-iskarpell. Madankollu, l-iskultur tal-arti solida (mhux plastika) bosta drabi wkoll juża t-tafal biex jifforma statwa imma dan ikun l-ewwel pass biex fl-aħħar jipproduċi statwa tal-bronż prodotta fil-fonderija, li għalih hemm proċedura ftit jew wisq kumplikata.

Kif għedna, materjal plastiku jfisser kull tip ta' materjal li jista' jiġi maħdum bis-swaba għax ikun artab waqt ix-xogħol. Kompożizzjoni hija kelma li tingħata għall-istess tip ta' xogħol, iżda wieħed għandu jiftakar li, ukoll jekk statwarju jaħdem wiċċ, idejn u saqajn tat-tafal, dan ma jistax iħallihom hekk jekk se jsiru statwi għat-toroq jew biex idumu s-snin jitqandlu fil-proċessjonijiet. It-tafal jittiekel bl-ilma u l-umdu, u jitkisser malajr. Għalkemm tajjeb għal xogħolijiet żgħar bħal statwetti u pasturi li jistgħu jiġu protetti biż-żebgħa jew reżina, mhux tajjeb għal xogħol li jrid jiġi espost għal bosta ċaqliq u elementi. Għalhekk l-istatwarju jieħu forma tal-ġibs minn fuq l-oriġinal tat-tafal jew ta' xi statwa oħra li tkun ġa lesta, u minn din il-forma joħroġ wiċċ, idejn u saqajn.

## Ġibs u tafal

Kull statwarju kien juża t-taħlita tiegħu biex mill-forma joħroġ il-wiċċ, l-idejn u s-saqajn, skont l-esperjenza tieghu, imma t-taħlita kienu jsejħulha 'kompożizzjoni'. Mhux biss, iżda l-biċċa l-kbira tal-istatwarji ma jkunux iridu jgħidu x'ħalltu fil-kompożizzjoni tagħhom. Madankollu din it-taħlita kien ikun fiha kartapesta, jiġifieri karti mxarrbin, imqattgħin u mfarrkin irqiq skont il-bżonn, u magħhom kienu jħalltu ukoll serratura, ġibs, kolla u xi materjali oħrajn li kienu jsibu addattati biex joħolqu qisha biċċa għaġina jew pasta. Din kienu jdaħħluha fil-forma tal-ġibs u meta tinxef joħorġuha. Dak li jiproduċi b'dan il-mod ikun vojt minn ġewwa. Jekk tifforma ras daqs naturali tat-tafal mastizz, dan jibda jinxef minn fuq barra waqt li tal-qalba jieħu aktar żmien. Billi t-tafal, meta jinxef, jiċkien, il-blokka tafal tixxaqqaq fuq barra għax tinxtorob u tibqa' sħiħa fil-qalba, għalhekk il-wiċċ jixxaqqaq. Jekk jaħdem fiċ-ċokon bħal pasturi, dawn ma jkunux vojta minn ġewwa għax jistgħu jinxfu mingħajr ma jixxaqqu.

B'dan il-mod l-istatwarji kienu jistgħu jagħmlu diversi uċuħ l-istess biex jintużaw f'diversi statwi, ħaġa li l-iskultur fl-injam u l-irħam ma jagħmilx. Tabilħaqq naraw diversi xogħolijiet ta' statwarji li jkollhom il-wiċċ kollha l-istess. Iżda l-istatwarju jvarja d-dehra tal-wiċċ ukoll meta jkun lest għax fit-teknika tal-"plastika" jista' jżid xi daqna u karattri oħrajn biex l-uċuħ jidhru differenti, bħalma jagħmlu wisq ċar dawk tal-pasturi tat-tafal. Hawn ta' min jgħid ukoll li kien hemm diversi statwarji li ma kinux jaħdmu l-wiċċ oriġinali li minn fuqu ssir il-forma, iżda kienu jqabbdu wieħed skultur li jaf jaħdmilhom l-oriġinal u jieħdu l-forma minn fuqu. Oħrajn kienu jakkwistaw, jixtru jew jirtu l-forom minn għand statwarju ieħor u jkomplu jużawhom f'xogħolhom. Dan kien isir mhux biss għall-istatwi tal-kartapesta iżda wkoll għall-pasturi u statwetti tat-tafal.

Rajna li għalkemm ħafna drabi nużaw il-kelma "kartapesta", rarissmu li din tikkonsisti biss fil-karta. Il-wiċċ, is-saqajn u l-idejn u partijiet tal-ġisem mhux miksija bil-ħwejjeġ, kienu magħmulin minn din il-kompożizzjoni jew taħlita. Ta' min jiftakar li fiż-żminijiet ta' llum għadhom isiru statwi b'dan il-mod mill-istatwarji, imma issa għandhom materjali oħrajn aktar tajbin biex jagħmlu t-taħlita tagħhom, u ukoll jużaw *fibreglass*, reżina u materjal ieħor



*Waħda mill-fażijiet ta' meta l-artist Stephen Borg ħoloq il-puttini bil-fibreglass wara l-proċess ta' disinn, mudellatura fit-tafal u forom bil-ġibs.*

reżistenti u komdu aktar minn dawk li kellhom fl-imgħoddi. Fejn jidhru l-ilbies tal-istatwi li jagħmel l-istatwarju, mhux bilfors li kien juża l-karti sempliċiment għax ngħidu li l-istatwa hija tal-kartapesta. Għall-ilbies kien juża xkejjer u ċraret imħallta mal-ġibs u l-kolla, u jlibbes bihom l-istatwi tiegħu. It-tikmix u t-tidwir tad-drapp joħroġ naturali ħafna, u b'inqas xogħol milli kieku kellu jinħadem fil-ġebel jew fl-injam. Mhux darba jew tnejn naraw xi statwa tal-"kartapesta" mkissra li fiha jidhru sewwa bċejjeċ tal-injam biex iżommu il-ġewwieni wieqaf u ħafif, u biċċiet ta' mbarazz ieħor li kienu jimlew bih fuq ġewwa.

Meta dawn l-istatwi tal-"kartapesta" jkunu lesti, kienu jiksuhom b'aktar passati tal-ġibs u kolla, żebgħa u verniċ biex jinksew tajjeb kontra l-elementi. Daż-żmien għandna materjal aħjar. Hawn min iħoss li jekk statwa tgħid li magħmula tal-kartapesta, tkun qed tnaqqsilha b'xi mod mill-preġju u għalhekk jippreferu jgħidu li hi magħmulha minn kompożizzjoni. Għalkemm din il-kelma tinstema aħjar, il-bażi tibqa' l-istess. It-teknika tal-plastika jew kartapesta hija sabiħa u l-istatwarji tagħna għamlu xogħolijiet mill-isbaħ li għadhom jitgawdew u jiġu apprezzati sa llum.



*Stephen Borg qed jirrestawra wieħed mill-puttini riċentament.*

Tajjeb niftakru fid-differenza bejn il-kliem "vara" u "statwa" li mhux kulħadd jużahom tajjeb. Il-kelma vara fl-antik kienu jużawha biex tfisser kull ħaġa li tinġarr fil-proċessjoni bħala l-oġġett ċentrali taċ-ċelebrazzjoni. Għalhekk, qabel ma bdew jagħmlu l-istatwi għall-proċessjonijiet, kienu jġorru relikwa, jew xbiha mqasqsa bust fl-injam, ikona, jew xi nkwadru mpitter. Dawn kienu jissejħu vara. Meta bdew l-użanza li jġorru l-istatwi fil-proċessjonijiet, dawn ukoll baqgħu isejħulhom vara. Għalhekk meta ngħidu vara fi żmienna għandha tfisser statwa tal-proċessjoni. Jekk ma joħorġuhiex proċessjoni, allura tissejjaħ statwa biss, u mhux vara ukoll.

Aktar informazzjoni dwar statwi u makkine ssibuha fil-kotba tal-istess awtur "L-Istatwi Titulari u l-Istatwarji Tagħhom" Klabb Kotba Maltin (1999, 174 paġni) u l-artiklu "Makkine u Vari, Evoluzzjoni" p.46-55 tal-ktieb "Bejn Storja u Drawwa" Wise Owl Publications Main Streeet, Rabat (2007, 180 paġni).


PIETRA JEWELLERY

*Roderick Mallia*

*26, Correa Str. Qormi (Corner with Grech's Bathroom Centre)*

*Tel: 2144 8940*

*For local & Foreign 18kt. Gold, Silver Jewellery & Silver Gifts,*

*Repairs & Engravings Accepted • Wednesday evening closed*